**22 ta' Ottubru, 1984**

**Imħallfin:-**

**Onor. Wallace Philip Gulia LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) (Manch.), D.P.A. (Lond.)**
**Onor. Stephen Borg Cardona B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

L-E.T. Rev.ma Monsinjur Arċisqof Giuseppe Mercieca *pro et noe*

*versus*

L-Onorevoli Prim Ministru *noe et*

**Imħallef - Rikuża - Astensjoni - Qorti Kostituzzjonali - Komposizzjoni ta' - Kostituzzjoni Awtomatika ta' - Ġustizzja Naturali - Neċessità - Prinċipju ta'**

*Fil-kors tas-smigħ ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali l-intimat irrikuża wieħed mill-Imħallfin komponenti dik il-Qorti. Il-Qorti*

*osservat li, kif komposta ghas-smigh ta' dak l-appell, hija kienet giet awtomatikament ikkostitwita wara li l-Esekuttiv ma kienx ta l-pariri mehtiega biex tigi komposta altrimenti. Jekk wiehed minn dawk l-Imhallfin kellu jastjeni allura dispost importanti tal-Kostituzzjoni kien jingieb fix-xejn.*

*Waqt li kien importanti mhux biss li l-gustizzja ssir, imma li tidher manifestament li qieghda ssir, kien ukoll ugwalment importanti li l-Qorti Kostituzzjonali tibqa' komposta f'kull hin. Il-Qorti ghalhekk invokat principju ta' necessità ghac-cahda taghha tar-rikuża ssollevata mill-intimat appellant.*

Il-Qorti:-

Rat il-verbal ta' l-udjenza miżmuma fis-16 ta' Ottubru, 1984, fejn *inter alia* ġie rreġistrat hekk:

"L-Onor. Imħallef Joseph D. Camilleri jiddikjara li għandu tifel li ser jagħlaq l-4 snin u li hu rreġistrat fi skola Stella Maris ta' Hal Balzan, skola mmexxija mis-Sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija;

Din id-dikjarazzjoni ma timplikax li l-istess Imħallef iqis li għandu interess fis-sens ta' l-artikolu 735 (e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili iżda qiegħda ssir għal kwalsiasi buon fini";

Rat illi fl-istess seduta d-difensur ta' l-appellanti ssolleva l-eċċezzjoni tar-rikużazzjoni;

"Dr. Testa għall-appellanti, in vista tad-dikjarazzjoni magħmula mill-Onor. Imħallef Joseph D. Camilleri, jirrikuża l-istess Imħallef billi l-każ tiegħu huwa simili għall-każ tar-rikużazzjoni magħmula f'seduta preċedenti mill-appellat di

fronte l-Prim Imhallef Dr. Carmelo Schembri li kien ukoll iddikjara li wiehed mit-tfal tat-tifel tieghu huwa fi skola tal-Knisja, liema rikużazzjoni maghmula mill-parti l-ohra kienet ġiet milqugha minn din il-Qorti Kostituzzjonali u ghalhekk illum huwa opportun li dina l-Qorti Kostituzzjonali taġixxi bl-istess mod";

Rat ukoll in-nota ta' l-imsemmija appellanti ppreżentata fl-istess udjenza li biha ssollevaw ukoll l-eċċezzjoni tar-rikużazzjoni a bażi ta' l-artikolu 735 (d) (ii) u fejn jinghad:

"Li biha jirrikużaw l-Onorevoli Imhallfin Stephen R. Borg Cardona u Joseph D. Camilleri a bażi ta' l-artikolu 735 (d) (ii) li jipprovdi ghal meta Imhallef ġà ha konjizzjoni ta' kawża u ta deċiżjoni definittiva fil-meritu tal-kawża li ghadha mhix *res judicata* (peress li l-appell minnha ghadu pendenti quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali) u dik id-deċiżjoni nghatat fuq l-istess meritu tal-kawża preżenti;

Difatti: (a) rigward l-Imhallef Borg Cardona qata' l-istess meritu tal-kawża fil-każ **Mons. Arċisqof** ***pro et noe vs*** **Onorevoli Prim Ministru** ***noe et***; u (b) rigward l-Imhallef Camilleri dan qata' l-istess meritu tal-kawża fil-każ: **Lateo** ***noe et vs*** **Kummissarju tal-Pulizija**;

Fiż-żewġ kawżi hemm l-appell pendenti u dawn is-sentenzi ghad mhumiex *res judicata*;

Ma' dan jiżdied il-prinċipju bażilari f'materja ta' ġudikatura illi kull meritu jkollu aditu ghad-*doppio esame*. Dan huwa l-prinċipju ta' l-artikolu 735 (d) (ii) u fil-każ preżenti dan il-prinċipju ser jinkiser billi ż-żewġ Imhallfin fi prim'istanza (fil-kawżi ċċitati) iddeċidew il-meritu li hu l-istess meritu tal-kawża preżenti u dawk id-deċiżjonijiet ghadhom inġudikati u

għad iridu jiġu deċiżi finalment minn dina l-Qorti Kostituzzjonali. Iż-żewġ Imħallfin rikużati ma jistgħux joqogħdu f'dan l-appell għax inkella dan ser jagħti lok illi f'dan il-preżenti appell mhux ser ikun hemm id-*doppio esame* li neċessarjament irid isir minn Imħallfin oħra;

Barra minn dan, konformament mad-deċiżjoni ta' dina l-istess Qorti Kostituzzjonali tas-27 ta' Settembru, 1984, ir-rikużazzjoni tal-lum għandha tiġi milqugħa, kif sar hemmhekk mill-President ta' dina l-Qorti, u għar-raġunijiet miġjubin hemmhekk u dan anke għall-uniformità tad-deċiżjonijiet ta' l-istess Qorti f'din il-materja";

Semgħet lid-difensuri ta' l-appellat li ssottometta li l-istess eċċezzjonijiet ma għandhom jiġu milqugħa u dan wara li fil-bidu tas-seduta kien ġie vverbalizzat hekk:

"Billi l-Qorti uriet l-intenzjoni li ssir dikjarazzjoni minn wieħed mill-Imħallfin komponenti u billi l-appellat jissottometti illi f'dan l-istadju mhuwiex aktar legalment permissibbli li jsiru astensjonijiet u rikużazzjonijiet u għalhekk anqas ma jistgħu jsiru aktar dikjarazzjonijiet li jistgħu jagħtu lok għall-astensjoni jew rikużazzjoni; l-appellat bir-rispett kollu jitlob li ma ssir l-ebda dikjarazzjoni min-naħa tal-Qorti - qabel ma tiġi nvestita dina s-sottomissjoni;

Dr. Testa jirriserva li jirrispondi fi stadju ulterjuri stante (1) ma nafux f'hix ser tkun tikkonsisti din id-dikjarazzjoni li wieħed mill-Onorevoli Imħallfin għadu kemm qal li jixtieq jagħmel u (2) f'dan l-istadju t'issa mhuwiex l-istadju ta' trattazzjoni fuq ebda punt";

Semgħet it-trattazzjoni orali ta' l-abbli difensuri tal-kontendenti dwar l-eċċezzjonijiet tar-rikużazzjoni ssollevati;

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat illi ma hemmx dubbju li l-istitut tar-rikużazzjoni jew astensjoni ta' l-*Imħallef* huwa *intiż biex* jassigura li l-ġustizzja mhux biss issir iżda li dik tkun ukoll tidher li qiegħda ssir, b'hekk tkun assigurata l-fiduċja tal-pubbliku fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. Mill-banda l-oħra, id-dottrina u l-ġurisprudenza tirrikonoxxi li dan l-istitut jista' faċilment jiġi abbużat (kif, per eżempju jingħad fis-sentenza mogħtija fis-17 ta' Mejju, 1976 mill-Onorabbli Qorti Kriminali, in re **ir-Repubblika ta' Malta kontra Cecil Pace** *et*) u f'ċerti każijiet jista' jinbidel f'istitut *adatto per il sabotaggio d'un processo* (Novissimo Digesto Italiano: voce astensione e ricusazione di giudice, para. 7);

Ikkunsidrat illi wieħed mill-prinċipji bażiċi tal-Kostituzzjoni ta' Malta huwa dan: li l-Kostituzzjoni ta' Malta bħall-kostituzzjonijiet kollha li jirriflettu l-konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, kellu jkollha Qorti Kostituzzjonali li *inter alia* tissalvagwardja l-jeddijiet fondamentali tal-bniedem li kienu ddikjarati fil-Kostituzzjoni li wieħed jista' jħares lejha bħala kuntratt li jorbot lill-Maltin li qed jgħixu mal-Maltin li mietu u mal-Maltin li għad iridu jitwieldu (kif imfisser f'wieħed mill-aqwa paragrafi *tal-ktieb Reflections on the Revolution in France* tal-filosofu politiku Ingliż Edmund Burke (Everyman's Edition 460, pp. 93-4);

Illi l-ġenju indiġenu Malti kien wassal biex jassigura l-eżistenza perpetwa tal-Qorti Kostituzzjonali ukoll kontra r-rieda ta' l-Esekuttiv billi eskoġita l-ħolqien tagħha kemm *direttament* mill-Esekuttiv, kemm ukoll indirettament, jekk l-Esekuttiv ma jkunx irid jew ma jkunx jista' jaqdi dmiru u jikkostitwixxi l-Qorti Kostituzzjonali hu, bis-saħħa ta' l-*entrenched* artikolu 96 (5), li jiddisponi hekk:

"Jekk f'xi żmien matul l-elezzjoni ta' membri tal-Kamra tad-Deputati jew f'xi żmien matul it-tletin ġurnata li jiġu wara dik l-elezzjoni, il-Qorti Kostituzzjonali ma tkunx ikkostitwita kif ipprovdut f'dan l-artikolu, il-Qorti għandha minnufih u sakemm tkun xort'oħra kkostitwita skond il-liġi, tkun ikkostitwita bis-saħħa ta' dan is-subartikolu u tkun magħmula mit-tlett Imħallfin l-aktar anzjani li jkunu fil-kariga f'dak iż-żmien magħdud, jekk ikun hemm f'dik il-kariga, il-Prim'Imħallef jew Imħallef ieħor li jkun qed jaqdi l-funzjonijiet ta' Prim'Imħallef; u jekk f'xi żmien ieħor l-imsemmija Qorti ma *tkunx ikkostitwita kif ipprovdut f'dan l-artikolu għal aktar minn* ħmistax-il ġurnata, dik il-Qorti għandha, malli jgħaddi l-*imsemmi żmien ta' ħmistax-il ġurnata u sakemm tkun xort'oħra* kkostitwita skond il-liġi, tkun ikkostitwita bis-saħħa ta' dan is-subartikolu u tkun magħmula mit-tlett *Imħallfin l-aktar anzjani* kif imsemmi qabel";

Il-prinċipju tal-kostituzzjoni awtomatika (kif insejħulha l-*maġġoranza tad-Deputati tal-Kamra tad-Deputati li ħadu sehem* fid-dibattitu storiku dwar it-tieni qari ta' l-abbozz ta' liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta (ara *s-seduta 18* ta' Novembru, 1974, p. 1643 u seduta ta' l-4 u 9 ta' Diċembru, 1974, f'paġni 1904, 1926, 1966), *tal-Qorti Kostituzzjoanli* hu prinċipju qofol tal-Kostituzzjoni Repubblikana ta' Malta. Prinċipju fondamentali ieħor tal-Kostituzzjoni hu li l-Kostituzzjoni hi l-liġi suprema tal-pajjiż u l-artikolu 6 (li hu ukoll *entrenched*) espressament jiddisponi li f'każ ta' inkonsistenza bejn il-Kostituzzjoni u bejn xi liġi oħra, l-Kostituzzjoni għandha tipprevali u "l-liġi l-oħra għandha, safejn inkonsistenti, tkun bla effett";

Ikkunsidrat illi jirriżulta li fil-każ odjern minn kulleġġ ta' għaxar Imħallfin li għandna Malta, erba' astjenew (wieħed f'kawża b'meritu simili), tnejn ġew rikużati u mill-erba' li fadal, wieħed qiegħed jittratta l-kawża in prim'istanza (u

għalhekk *ope legis* hu eskluż li jkun membru ta' din il-Qorti) u t-tlieta l-oħra huma l-Imħallfin sedenti llum. Illi minn dan isegwi illi jekk l-eċċezzjoni tar-rikuża ta' xi wieħed minn dawn it-tlett Imħallfin kellha tkun aċċettata mill-Qorti ma jkun hemm l-ebda Imħallef ieħor li awtomatikament fiż-żmien preskritt mill-inċiż ħamsa ta' l-artikolu 96, ikun jista' jidħol fil-Qorti Kostituzzjonali u jikkostitwiha kif irid l-operat ċar tal-Kostituzzjoni. Li kieku kellu jiġri hekk, disposizzjoni importantissima tal-liġi suprema tal-pajjiż tisfa mxejna minn disposizzjoni oħra tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili - ħaġa li mhix ammissibbli għaliex l-istitut tar-rikuża mhux leċitu li jiġi applikat b'mod tali li jkun assigurat li flok il-ġustizzja ssir b'mod aħjar, din tkun tista' ma ssir xejn billi l-Qorti Kostituzzjonali tisfa mhix ikkostitwita. Il-liġi tagħna bħal dik Rumana minn dejjem argumentat *ut melius valeat quam pereat* (huwa aħjar li ħaġa tibqa' ħajja milli tispiċċa fix-xejn) u għalhekk jidher li f'każ ta' neċessità, jiġifieri meta l-Imħallfin kollha jistgħu jkunu rikużati ma jkun hemm ebda irregolarità fiċ-ċirkostanzi li jisimgħu u jaqtgħu l-każ. Kif jgħidu fit-test *Constitutional and Administrative Law - de Smith*, fourth edition, H. Street & R. Brazier, f'p. 570:

"*In very exceptional circumstances, all the available adjudicators are affected by a disqualifying interest, in which case they may have to sit as a matter of necessity*";

U fit-test *Principles of Adminsitrative Law* - Griffith & Street, l-ewwel edizzjoni, 1952, p. 156; ħames edizzjoni, 1973, p. 136:

"*It seems that in cases of necessity, that is where all judges are disqualified, there is no irregularity*";

Għaliex huma universalment imħaddna l-massimi tal-liġi

li:

*Necessita non habet legem* (in neċessità ma tintrabat bl-ebda liġi):

*Necessitas facit licitum quod alias non est licitum* (in-neċessità tagħmel *lectu* dak li altrimenti mhux *lectu*); u *necessitas vincit legem; legum vincula irridet* (in-neċessità torbot il-liġi - ixxejjen l-irbit tal-liġi);

Ikkunsidrat illi d-dottrina tan-neċessità ma tistax tkun skartata sempliċement minħabba l-fatt li hu manifest li l-Esekuttiv jista' x'ħin u kif irid hu, jikkostitwixxi l-Qorti Kostituzzjonali b'mod li ma jistax jingħad li allura m'hemmx in-neċessità li l-Qorti Kostituzzjonali tkun ikkostitwita awtomatikament. Dak hu argument ta' konvenjenza biss. Ir-rimedju li l-inċiż ħamsa ta' l-artikolu 96 tal-Kostituzzjoni pprovda huwa preċiżament rimedju għal meta l-Esekuttiv ma jasalx biex iwaqqaf il-Qorti Kostituzzjonali hu. Anzi dak l-inċiż jagħmilha ċara li l-aħħar kelma hija ta' l-Esekuttiv billi, ukoll jekk il-Qorti Kostituzzjonali tkun imwaqqfa mit-tlett Imħallfin li jkun baqa', dawn jiffunzjonaw sakemm ma tkunx ikkostitwita "xort'oħra skond il-liġi". Il-Qorti Kostituzzjonali kif ikkostitwita llum jidhrilha li tkun qiegħda tipperikola d-demokrazija ta' Malta jekk ma tibqax ikkostitwita bit-tama li xi darba l-Esekuttiv jasal biex iwaqqaf il-Qorti Kostituzzjonali hu;

Ikkunsidrat li l-istess argumenti japplikaw għall-każ ipprospettat mill-appellanti li skond il-Kodiċi tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili jistgħu jkunu nnominati aġenti Mħallfin mill-President tar-Repubblika (artikolu 11) biex jissurrogaw Imħallfin li jiġi rrikużati;

Ikkunsidrat illi meta tapplika d-dottrina tan-neċessità li

twassal li l-Imħallfin fil-kariga jibqgħu għaddejjin fix-xogħol tagħhom indipendentement minn kwalunkwe motiv ta' rikuża jew astensjoni, ma jfissirx li t-tlett Imħallfin jistgħu jibdew jagħmlu li jridu, kif kien sottomess mill-appellanti. Apparti l-ġurament ta' lealtà u l-ġurament tal-kariga (artikolu 10 tal-Kap. 15) li jorbot lill-istess Imħallfin diġà ġie rrilevat li l-Esekuttiv jista' x'ħin irid jikkostitwixxi l-Qorti Kostituzzjonali "xort'oħra skond il-liġi", u mhux neċessarju li jissemmew hawn rimedji u salvagwardi li ssemmew ukoll waqt it-trattazzjoni orali;

Ikkunsidrat li meta tħares lejn il-karta kostituzzjonali sew għandu jinstab li l-ħames inċiż ta' l-artikolu 96 huwa l-unika salvagwardja ċara u qawwija li torbot lill-Esekuttiv Malti mad-Demokrazija, irid jew ma jridx, billi l-Qorti Kostituzzjonali hija l-aqwa garanzija tal-legalità ta' kull azzjoni ta' kull Gvern. Il-Qorti tapprezza ċar li aħjar salvagwardja waħda li titħaddem ċar, minn miljun riżoluzzjoni bbażata fuq tamiet li l-ħwejjeġ jistgħu jitwettqu daqskemm jistgħu ma jitwettqux. Imbagħad, fid-dawl ta' l-ewwel inċiż ta' l-ewwel artikolu tal-Kostituzzjoni:

"Malta hija repubblika demokratika bbażata fuq ix-xogħol u fuq ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fondmentali ta' l-individwu" (li żgur għandu jlewwen l-interpretazzjoni kollha tal-Kostituzzjoni, għax altrimenti jkun biss ftaħira u tfanfira - ħaġa li mhix presumibbli f'dokument serju bħalma hi l-Kostituzzjoni ta' pajjiżi, il-Qorti ma tistax tara kif, fid-dawl ta' l-imsemmi l-ewwel inċiż ta' l-ewwel artikolu tal-Kostituzzjoni, hija tista' lealment tiskarta, iġġenneb u tarmi l-aqwa salvagwardja prattika tad-demokrazija f'pajjiżna li l-leġislatur ried li prattikament tkun dejjem ikkostitiwta u funzjonanti;

Ikkunsidrat ukoll li llum jidher ċar li s-salvagwardji kkontemplati fit-tieni inċiż ta' l-artikolu 40 tal-Kostituzzjoni dwar "smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli" minn "qorti jew

awtorità oħra ġudikanti" li kien meħud kelma b'kelma mill-ewwel inċiż ta' l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jippresupponi l-ewwel u qabel kollox l-eżistenza u l-kostituzzjoni ta' l-istess qorti jew awtorità oħra ġudikanti billi ma tistax tifred is-smigħ xieraq mill-kostituzzjoni tal-qorti li tasal għas-smigħ (*vide* F. Sieghart *The International Law of Human Rights*, pp. 271-3 u partikolarment **Golder *vs* United Kingdom**, 4451/70; 1 EHRR 524);

Ikkunsidrat li jidher essenzjali li jkun assigurat li ssir ġustizzja skond il-liġi. Il-Qorti tippretendi li l-ġustizzja skond il-liġi ssir bir-rakkmu u r-raffinatezza kollha ukoll; iżda l-ordni tal-prijorità loġika fil-ħajja żgur li titlob li l-ewwel għandha tkun assigurata s-sostanza tal-ġustizzja u wara d-delikatezza tar-raffinatezza tagħha;

Illi għalhekk fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti, kif ikkostitwita, fiċ-ċirkostanzi speċjalissimi ta' dan il-każ, ħadd mit-tlett Imħallfin ma jista' jkun rikużat f'dan l-istadju partikolari tal-kawża għas-sempliċi raġuni li attwalment ma hemmx Imħallfin oħra li jistgħu jikkostitwixxu awtomatikament din il-Qorti. Diversament il-ħames inċiż ta' l-artikolu 96 tal-Kostituzzjoni Repubblikana jisfa bla ebda effett b'dannu manifest għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja;

F'dan il-punt l-Imħallfin sedenti jagħmlu tagħhom l-osservazzjoni ta' l-Onor. Imħallef G.D. Refalo fl-imsemmija kawża **Ir-Repubblika ta' Malta *vs* Cecil Pace *et*** u li tista' tiġi applikata *mutatis mutandis* għall-każ odjern:

"L-Imħallef presjedenti jixtieq jagħmilha ċara ukoll illi huwa ma għandu l-ebda ħrara speċjali biex jippresjedi f'dan il-ġuri. L-uniku interess tiegħu hu dak li jagħmel dmiru ta' Mħallef, li l-liġi tesiġi minnu u li hu ħa l-ġurament li għandu

*jaqdi*";

Illi, nonostante li l-Qorti waslet għall-konklużjoni, li fiċ-ċirkostanzi speċjali ta' dan il-każ, ebda rikużazzjoni u/jew astensjoni ma għandha issa ammissibbli jew possibbli, il-Qorti sejra xorta waħda tgħaddi biex teżamina fil-qosor ħafna jekk l-eċċezzjonijiet ta' rikużazzjoni ssollevati humiex legalment fondati jew le. Għalkemm dan mhux strettament neċessarju, però dan jidher xieraq li jsir fl-interess tar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja u tat-tutela tad-dekor tas-sistema ġudizzjarja;

Illi fil-fehma kkonsidrata tal-Qorti, l-eċċezzjonijiet ta' rikużazzjoni ma jidhrux fil-meritu fondati. Infatti, kwantu għall-eċċezzjoni bbażata fuq l-artikolu 735 (d) (ii) dejjem kien ritenut fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna li l-kliem "il-kawża" fl-imsemmi artikolu 735 (d) (ii) jirreferixxu għall-istess kawża li fiha tkun ingħatat id-deċiżjoni preċedenti (ara sentenza fuq iċċitata **Ir-Repubblika ta' Malta kontra Cecil Pace** *et* u l-ġurisprudenza kopjuża ċċitata fiha). Kwantu għall-eċċezzjoni ta' rikuża bbażata fuq l-artikolu 735 (e), l-allegat interess fiċ-ċirkostanzi jidher pjuttost remot u ċertament ma jidhirx li hu ta' natura tali li bla dubbju ta' xejn jiskwalifika għaliex "*the test of likelihood of bias must be applied realistically*" (*Constitutional and Administrative Law*, de Smith, raba' edizzjoni, p. 570). Kif *intqal ukoll fis-sentenza riportata fil-Volum XXVIII-II-655:* "*L'interesse che la legge eleva a motivo di ricusazione od astensione non devesi intendere in senso generico e lato ...*". F'dan is-sens ma jidhirx li hemm xi nuqqas ta' uniformità bejn dawn il-konsiderazzjonijiet u l-motivazzjoni ta' deċiżjonijiet anterjuri f'dan il-każ in materja li wieħed bilfors irid iħares lejhom fid-dawl taċ-ċirkostanzi li fihom ingħataw;

Illi l-Qorti waslet għal din il-konklużjoni mhux biss a bażi

tat-tagħlim ta' l-awturi l-aktar ċelebri fil-materja iżda għaliex, kif jingħad fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, riportata fil-Kollez. Vol. XXXII-I-309, mogħtija fil-15 ta' Diċembru, 1945, in re **Emmanuel Bonello** ***et vs*** **Edward Percy Larchin**:

"Huwa anke dover preċiż tal-ġudikant illi, minħabba dawn iċ-ċirkostanzi speċjali tal-każ jara x'inhi l-probabbli intenzjoni tal-Leġislatur f'dawn il-każijiet, u japplika d-disposizzjoni u jinterpretaha b'mod li jista' jirrikonċiljaha mal-liġijiet l-oħra biex l-applikazzjoni tagħha ma tkunx inġusta;

Għal dawn il-motivi, għalhekk, il-Qorti taqta' u tiddeċidi: billi tiċħad l-eċċezzjonijiet tar-rikużi ssollevati mill-appellanti fiż-żewġ appelli u tordna li jiġu pprosegwiti l-proċeduri u tħalli l-appell għal dan il-fini għas-seduta ta' l-Erbgħa, 24 ta' Ottubru, 1984, fid-9.30 a.m.;

L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi, l-aktar tan-novità tagħhom, jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.